MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (GHAWDEX) (GURISDIZZJONI SUPERJURI) (SEZZJONI GENERALI)

## MAGISTRAT DR. PAUL COPPINI

Seduta ta' l-20 ta' Marzu, 2014

Citazzjoni Numru. 65/2003

Loreta **Axiaq**

**vs**

**Maria Attard,**
**u b'digriet tat-28 ta' Diċembru 2006,**
**il-ġudizzju ġie trasfuż f'isem Maria Giovanna Grima,**
**Giuseppe, Zakkarija, Elisabetta Camilleri, Francesca Borg,**
**u Loreto Attard ilkoll aħwa Attard, minflok Maria Attard**
**li mietet fil-kawża;**

**Salvina Xuereb**
**u b'digriet tal-10 ta' Ottubru 2008, il-ġudizzju ġie**
**trasfuż f'isem Joseph Xuerb minflok Salvina Xuereb**
**li mietet fil-mori tal-kawża;**

**Joseph Xuereb,**
**f'ismu proprju u bħala kuratur deuptat**
**tal-imsefrin Anthony Xuereb, Emanuel Xuereb,**
**Saviour Xuereb, Loreta Xuereb u**
**Rita mart Michelangelo Gatt;**

**Theresa Grima**

**Illum il-Ħamis, 20 ta' Marzu 2014**

Il-Qorti,

Rat iċ-Ċitazzjoni li permezz tagħha l-attriċi, wara li ppremettiet :

Illi fis-sitta u għoxrin (26) ta' Jannar tal-elf disa' mija u ħamsa u tmenin (1985) miet f'Għajnsielem, Għawdex, Carmelo Xuereb, bin il-mejtin Salvatore Xuereb u Rosa nee' Dimech, imwieled Għajnsielem, Għawdex, fejn kien ukoll residenti, u dana kif jidher minn kopja taċ-ċertifikat tal-mewt hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'A';

Illi fit-tlettax (13) ta' April tas-sena elfejn (2000) mietet F'Għajnsielem, Għawdex, Rosa Xuereb, armla ta' Carmelo Xuereb, bint il-mejtin Alfonso Grech u Francesca nee' Ciantar, imwielda Għajnsielem, Għawdex fejn kienet ukoll residenti, u dana kif jidher skont kopja taċ-ċertifikat tal-mewt hawn annessa u mmarkata bħala Dokument 'B';

Illi l-imsemmija Carmelo u Rosa konjuġi Xuereb għamlu tlett testmenti unica charta bejniethom, tnejn fl-atti tan-Nutar Dottor John Busuttil u ċioe' wieħed tat-tmintax (18) ta' Frar elf disa' mija u wieħed u sittin (1961) kopja tiegħu hawn annessa u markata Dokument 'C', u l-ieħor tas-sitta (06) ta' Lulju elf disa' mija u tlieta u sittin (1963) kopja tiegħu hawn annessa u markata Dokument 'D', u ieħor fl-atti tan-Nutar Dottor Giuseppi Cauchi tat-tletin (30) ta' Marzu elf disa' mija u wieħed u sebgħin (1971) kopja tiegħu hawn annessa u markata Dokument 'E';

Illi inoltre l-imsemmija Rosa Xuereb għamlet żewġ testmenti oħra fl-atti tan-Nutar Dottor Michael Refalo u ċioe' wieħed fl-għaxra (10) ta' Jannar elf disa' mija u sitta u tmenin (1986) kopja tiegħu hawn annessa u markata Dokument 'F', u l-ieħor tat-tmienja (8) ta' Frar elf disa' mija u disgħa u tmenin (1989) kopja tiegħu hawn annessa u markata Dokument 'G';

Illi miż-żwieġ tal-imsemmija Carmelo u Rosa konjuġi Xuereb twieldu tlettax il-wild illi tlieta minnhom mietu trabi u għalhekk l-eredita għandha tinqasam bejn l-għaxart ulied l-oħra u ċioe' Rita Gatt mart Michael'Angleo Gatt, Saviour, Anthony, Loreto, Emanuel, Joseph , Maria Attard armla ta' Joe Attard, Teresa Grima mart Francesco Grima, Loreta Axiak armla ta' Paul Axiak u Salvina Xuereb;

Ili l-attriċi ma tridx tibqa' aktar fi stat ta' komunjoni mal-konvenuti;

Illi l-konvenuti għalkemm interpellati diversi drabi kemm verbalment kif ukoll permezz ta' ittri interpellatorji sabiex jersqu għad-diviżjoni bonarja tal-assi ereditarji tal-imsemmija Carmelo u Rosa konjuġi Xuereb, huma baqgħu inadempjenti;

Illi l-attriċi tixtieq tuża din iċ-ċitazzjoni sabiex titlob (1) sehma bħala waħda mill-werrieta universali mill-eredita tal-mejjet missierha Carmelo Xuereb u (2) il-leġittima spettanti lilha bil-liġi mill-eredita tal-mejta ommha Rosa Xuereb;

Illi l-attriċi rrinjunzjat għall-eredita tal-mejta ommha Rosa Xuereb sabiex b'hekk tkun tista' titlob il-leġittima lilha spettanti skont il-liġi.

Talbet lill-konvenuti jgħidu għaliex m'għandhiex din il-Qorti:

1. Taċċeta l-konsistenza ta' l-assi ereditarji ta' Carmelo Xuereb u ta' Rosa Xuereb;

2. Tillikwida l-ishma spettanti għall-ereditajiet rispettivi ta' Carmelo Xuereb u ta' Rosa Xuerebl;

3. Tillikwida u tordna d-diviżjoni tal-assi ereditarji tal-mejjet Carmelo Xuereb skont il-kwoti kif ordnati fit-testmenti tiegħu u tasenja lill-istanti sehemha kfi ordnat fit-testmenti tiegħu;

4. Tordna illi l-attriċi tiġi assenjata l-leġittima lilha spettanti fil-liġi mill-assi ereditarji tal-mejta Rosa Xuereb u dan sakemm possibbli fi proprjeta' mmobbli;

5. Taħtar Nutar Pubbliku sabiex jippublika l-att opportune ta' diviżjoni u dan f'data, ħin u lok illi jiġu ffissati minn din l-Onorabbli Qorti bl-intervent ta' kuraturi maħtura minn din l-istess Qorti sabiex jirrapreżentaw lill-eventwali kontumaċi;

6. Tordna li kemm il-darba jirriżulta illi xi beni ma humiex komodament diviżibbli jew il-leġittima ma hiex faċilment likwidabbli, tordna l-bejgħ taghħhom b'liċitazzjoni sabiex r-rikavat jiġi perċepit mill-kontendenti skont l-kwoti rispettivi u jew il-leġittima skont il-liġi.

Bl-ispejjeż tal-preżenti proċedura, tal-ittri interpellatorji u tal-ittra uffiċċjali spedita fil-ħamsa u għoxrin (25) ta' Jannar tas-sena elfejn u tnejn (2002).

Bl-inġunzjoni tal-konvenuti għas-subizzjoni li għaliha minn issa qed jiġu mħarrka.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-attriċi, konfermata bil-ġurament tagħha.

Rat in-Nota ta' l-Eċċezzjonijiet tal-konvenuta Theresa Grima li permezz tagħha eċċepiet :

1. Illi hija ma topponix u qatt ma' opponiet it-talba tal-attriċi għad-diviżjoni ta' l-assi ereditarji ta' Carmelo Xuereb, purke' jiġu osservati u eżegwiti d-disposizzjonijiet tetamentarji kollha tiegħu, speċjalment il-legali kollha ordnati minnu u kwindi ma' għandha tħallas ebda parti mill-ispejjes ta' din il-kawża.

2. Illi l-eċċipjenti lanqas ma topponi għat-talba ta' l-attriċi għall-ħlas tal-leġittima fuq il-wirt ta' Rosa Xuereb, purke' jiġi onorat il-fatt illi bil-kuntratt ta' donazzjoni fl-atti tan-Nutar Paul George Pisani tas-sbatax

(17) ta' April tas-sena elf disa' mija ħamsa u disgħin (1995) l-istess Rosa Xuereb kienet ittrasferiet proprjeta' lill-eċċipjenti u eżentatha mill-obbligu tal-kolazzjoni (Dok A);

3. Salvi eċċezzjonijiet oħra fid-dritt u fil-fatt.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti ta' l-istess konvenuta maħlufa minnha.

Rat in-Nota tal-Eċċezzjonijiet tal-konvenuti l-oħra li permezz tagħha eċċepew:

1. Illi l-esponenti ma jopponux la għad-diviżjoni mitluba ta' l-eredita ta' Carmelo Xuereb u l-inqas għall-assenjazzjoni tal-leġittima fuq l-eredita ta' Rose Xuereb purche :-

   (i) Ikunu verifikati l-konsistenza ta' l-assi ereditarji in diviżjoni u l-kwoti rispettivi tal-partijiet;

   (ii) Għal dak li jirrigwarda l-likwidazzjoni tal-leġittima spettanti lill-attriċi tiġi komputata u meħuda in konsiderazzjoni kwalsiasi gratwita' riċevuta minnha mingħand ommha.

Salvi eċċezzjonijiet ulterjuri.

Rat id-Dikjarazzjoni tal-fatti tal-istess konvenuti konfermata bil-ġurament ta' Joseph Xuereb.

Rat is-sentenza *in parte* tagħha tal-24 ta' Lulju 2008 dwar l-eċċezzjoni ulterjuri mressqa mill-konvenuti kollha, barra Theresa Grima.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Appell tad-19 ta' April 2012 li kkonfermat din is-sentenza.

Rat id-digriet tagħha tal-21 ta’ Gunju 2006 li bih innominat lill-A.I.C. Joseph Mizzi bħala perit tekniku sabiex jagħmel valutazzjoni tal-proprjeta’ in kwistjoni.

Rat ir-relazzjoni tal-istess perit tekniku ppresentata fl-14 ta’ Marzu 2008 u minnu maħlufa fit-30 ta’ Lulju 2010.

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-perit tekniku ppresentati fis-27 ta’ Novembru 2012 bi tweġiba għad-domandi tal-konvenuti tal-5 ta’ Novembru 2012, u minnu maħlufa fit-23 ta’ Novembru 2012.

Rat ir-risposti in eskussjoni tal-perit tekniku ppresentati fil-5 ta’ Marzu 2013 bi tweġiba għad-domandi tal-konvenuti tal-20 ta’ Frar 2013, u minnu maħlufa fil-21 ta’ Mejju 2013.

Rat id-digriet tagħha tas-17 ta' Mejju 2013 fejn ħalliet il-kawża għal-lum għas-sentenza.

Rat in-Noti tal-Osservazzjonijiet rispettivi tal-kontendenti.

Rat l-atti l-oħra kollha tal-kawża, inklużi d-dokumenti esebiti u l-verbali tax-xhieda mismugħa.

Ikkunsidrat:

Illi permezz ta’ din il-kawża l-attriċi qed titlob il-likwidazzjoni u divizjoni tal-eredita’ ta’ missierha Carmelo Xuereb, u l-leġittima mill-wirt ta’ ommha Rosa Xuereb. Il-konjuġi Xuereb kellhom tlettax il-wild, tlieta minnhom mietu fl-infanzja, u l-għaxra l-oħra huma l-partijiet f’din il-kawża jew l-

eredi tal-kontendenti li mietu fil-mori tas-smiegħ tagħha. Huma rregolaw is-suċċessjoni tagħhom permezz ta' tlett testmenti *unica charta:* tnejn fl-atti tan-Nutar John Busuttil, u ċioe' wieħed tat-18 ta' Frar 1961,[1] u l-ieħor tas-6 ta' Lulju 1963; u ieħor in atti Nutar Giuseppe Cauchi tat-30 ta' Marzu 1971, li bih irrevokaw it-testmenti preċedenti tagħhom, ħlief għad-dritt ta' użufrutt reċiproku, u wara li istitwew diversi legati, innominaw lill-għaxar uliedhom li kienu għadhom ħajjin eredi universali tagħhom.[2] In segwitu għall-mewt ta' żewġha, Rosa Xuereb għamlet żewġ testmenti oħra in atti Nutar Michael Refalo: wieħed tal-10 ta' Jannar 1986,[3] u l-ieħor tat-8 ta' Frar 1989,[4] li bihom emendat xi legati imħollija preċedentement jew istitwiet oħrajn ġodda.

**Likwidazzjoni tal-beni tad-*decujus* Carmelo Xuereb:**

**Beni mmobbli:**

**A. Beni Parafernali :**

Skont il-lista Dok.S 4, esebita man-Nota tal-konvenuti tas-7 ta' Mejju 2008,[5] li dwarha hemm qbil bejn il-kontendenti, dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:

1. porzjon art magħrufa bħala "**tal-Għama**" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 1695 m.k., u tmiss: tramuntana ma' Triq il-Kanal, punent ma' beni tal-familja Xuereb, u grigal ma' beni ta' Anna Buttigieg; indikata fuq il-pjanta Dok. 'L 1' a fol. 163 u stmata mill-perit tekniku,[6] tal-valur ta' Lm6032;

2. porzjon art xagħri magħrufa bħala "**tal-Mellieha**" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 1364 m.k. u tmiss tramuntana ma' beni tal-

[1] Ara kolpja annessa bhala Dok.C mac-ċitazzjoni a fol. 9 -19 tal-process
[2] Ara kopja annessa bhala Dok.E mac-ċitazzjoni a fol. 20 - 26
[3] Ara kopja annessa bhala Dok.F mac-ċitazzjoni a fol. 27 – 28
[4] Ara kopja annessa bhala Dok.G mac-ċitazzjoni a fol. 29 - 30
[5] A fol.158 - 159
[6] A fol.249

Gvern, grigal ma' beni ta' Maria Cremona u xlokk ma' xatt il-bahar; indikata fuq il-pjanta Dok.L 2 a fol.164 u stmata Lm3640;[7]

3. porzjon art magħrufa bħala "**tax-Xtut**" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 845 m.k. u tmiss punent ma' beni ta' Mary Cremona, grigal ma' beni ta' Salvu Haber u majjistral ma' beni ta' Anna Buttigieg; indikata fuq il-pjanta Dok.L3 a fol.165 u stmata Lm2255;[8]

4. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Mġarr ix-Xini**" jew "ta' Taħt Sant' Eliju" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 1687m.k. u tmiss majjistral ma' beni ta' Imperja Gauci, xlokk ma' beni ta' Salvu Haber u grigal u lbiċ ma' proprjeta' tal-Gvern, murija fuq il-pjanta Dok.LS4 a fol. 165 (bis); din tħalliet b'legat barra minn sehmu lil Giusepp Xuereb [9];

5. porzjon art magħrufa ukoll bħala "**ta' Mġarr ix-Xini**" jew "ta' Taħt Sant'Eliju" jew tal-Bir" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 1498.8m.k., u tmiss tramuntana ma' beni ta' Mary Cremona, grigal ma' beni tal-Gvern, u lbiċ mal-porzjon sussegwenti; murija fuq il-pjanta Dok.L 5 a fol. 166 u stmata Lm4000;[10]

6. porzjon art oħra magħrufa ukoll bħala "**ta' Mġarr ix-Xini**" jew "ta' Taħt Sant'Eliju" jew ta' Taħt il-Bir" limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 1194m.k u tmiss tramuntana mal-għalqa deskritta fil-paragrafu preċedenti, lvant beni ta' Imperia Gauci u grigal ma' beni tal-Gvern; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 6' a fol.167 u stmata mill-konvenuti Lm3500;[11]

7. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Lelluxa**", tkejjel 478m.k., limiti ta' Għajnsielem, u tmiss tramuntana ma' beni ta' Mary Cremona, punent ma' beni tal-Parroċċa ta' Għajnsielem, u xlokk ma' beni ta' Anna Buttigieg; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 7' a fol.168 u stmata Lm1700;[12]

8. porzjon art magħrufa bħala "**tal-Wileġ**", fil-kontrada ta' Santa Cicilia" limiti tax-Xewkija, tkejjel 1364m.k., u tmiss tramuntana

[7] A fol.250
[8] Ibid.
[9] Art. 11 tat-testment tat-30.03.1971
[10] Ibid.
[11] L-attriċi ma kkummentat xejn fuq din l-istima, u peress li tidher realistika, ser tigi adottata ukoll minn din il-Qorti
[12] Ibid.

ma' beni ta' Paul Xuereb, lbiċ ma' beni tal-Parroċċa ta' San Gorġ; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 8' a fol.169 u stmata Lm4854;[13]

9. porzjon art magħrufa bħala "**is-Siegħ tax-Xagħri**", limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 154m.k., u tmiss lbiċ ma' beni tal-Gvern, majjestral ma' beni ta' Toni Xuereb u grigal ma' beni ta' John Vella; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 9' a fol.170 u stmata Lm8235;[14]

10. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Taħt il-Lewż**", limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 1124m.k., u tmiss tramuntana ma' beni ta' Kate Attard, majjestral ma' beni ta' Frank Grech u xlokk ma' beni tal-familja Vella; din l-art tħalliet b'legat lil Rita Gatt;

11. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Kumbu**", limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 98m.k., u tmiss lbiċ ma' beni tal-Gvern, tramuntana u grigal ma' beni tal-familja Grech; murija fuq il-pjanta Dok. 'X' annessa man-Nota tal-konvenuti tat-12 ta' Diċembru 2013, u stmata Lm350;[15]

12. porzjon ieħor mill-art magħrufa bħala "**ta' Taħt il-Lewż**", limiti ta' Għajnsielem, tkejjel 194m.k., murija fuq il-pjanta Dok. 'L 10' a fol. 171, stmata Lm690.[16]

**B. Komunjoni tal-Akkwisti:**

Skont l-istess Dok.S 4, esebit man-Nota tal-konvenuti tas-7 ta' Mejju 2008,[17] dawn kienu jikkonsistu f'nofs indiviz mis-segwenti:

1. Porzjon art magħrufa "**tal-Bur**," limiti ta' Għajnsielem, bil-kejl ta' 7072 metri kwadri, tmiss punent ma' beni ta' John Cauchi, xlokk ma' beni ta' George Galea u grigal ma' passaġġ pubbliku, murija fuq il-pjanta Dok. 'L 15' a fol.174, stmata Lm18,000;[18]

13 Afol.250
14 A fol.250
15 A fol.251
16 A fol.251
17 A fol.158 - 159
18 a fol.252

2. mezzanin numru **14, Triq il-Ġonna**, Għajnsielem, indikat fuq id-Dok. 'L 16' a fol. 174; dan il-fond tħalla b'legat lil uliedu subien;

3. mezzanin numru **15, Triq il-Ġonna**, Għajnsielem, indikat fuq id-Dok. 'L 17' a fol. 175; dan il-fond tħalla b'legat lil uliedu bniet;

4. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Reqna**", fil-kuntrada "ta' San Eliju", limiti ta' Għajnsielem, tal-kejl ta' 1686.15 m.k., tmiss tramunatana ma' beni tal-eredi ta' Lorenzo Zammit Haber, lvant ma' beni tal-Parroċċa tax-Xewkija u punent ma' beni ta' Salvu Xiberras; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 18' a fol.176, stmata Lm3500;[19]

5. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Taħt Sant Eliju**" jew "ta' Mġarr ix-Xini", limiti ta'Għajnsielem, tal-kejl ta' 1124 m.k., u tmiss grigal ma' beni tal-Gvern u tramuntana u nofsinhar ma' beni tal-Parroċċa tax-Xewkija; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 19' a fol.177; stmata Lm3000;[20]

6. Nofs porzjon **art fi Triq l-Imġarr**, Għajnsielem, tal-kejl ta' ċirca 1311.45 m.k. u tmiss grigal ma' Triq Mġarr, xlokk ma' beni ta' Mary Cauchi u majjistral ma' beni ta' Rose Xuereb, murija fuq il-pjanta Dok. 'L 20' a fol. 178; stmata Lm200,000.[21]
7. L-**art tal-kejl ta' ċirca 656 m.k. fi Triq l-Imġarr,** Għajnsielem, li fuqha l-konvenuta Teresa Grima bniet id-dar tagħha (a spejjeż tagħha), llum magħrufa "Grima's House", fl-indirizz 128, Triq l-Imġarr, Għajnsielem; sehem Carmelo Xuereb minn dan il-fond tħalla b'legat lill-istess Teresa Grima.

**Beni mobbli**: ma rriżulta xejn.

**Likwidazzjoni tal-beni tad-*decujus* Rosina Xuereb:**

Skont id-Dok. 'S 4', esebit man-Nota tal-konvenuti tas-7 ta' Mejju 2008,[22] dawn kienu jikkonsistu fis-segwenti:

[19] A fol.253
[20] Ibid.
[21] A fol.252
[22] A fol.158 - 159

**A. Assi Parafernali:**

1. Id-**dar bin-numru mija u tletin fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem**, bil-garaxx u raba' anness magħha, li kienet ir-residenza tagħha; din id-dar hija ndikata bil-kulur aħdar fuq il-pjanta Dok. 'L 11' a fol.172; stmata Lm500,000;[23]

2. Porzjon diviża minn biċċa **raba' magħrufa bħala "ta' Triq l-Imġarr", fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem**, tkejjel ċirca elfejn metru kwadru (2000m.k.) u tmiss mit-tramuntana ma' Triq l-Imgarr, punent beni ta' Michael u Maria konjuġi Zammit, lvant ma' beni mħollija lill-konvenuti Guzepp u Salvina aħwa Xuereb; immarkat bil-kulur aħmar fuq il-pjanta Dok. 'L 12' a fol. 172 u stmat Lm350,000;[24]

3. Porzjon raba' magħrufa "**magħrufa bħala "ta' Triq l-Imġarr", fi Triq l-Imġarr, Għajnsielem**, tkejjel ċirca ħames mija erba' u erbgħin metru kwadru (544 m.k.) u tmiss mit-tramuntana ma' Triq l-Imġarr, punent ma' beni mħollija lill-konvenuti Guzepp u Salvina aħwa Xuereb, u lvant ma' beni ta' Loreto u Anthony aħwa Xuereb; immarkat bil-kulur blu fuq il-pjanta Dok. 'L 13' a fol. 172 (bis.) u stmat Lm150,000;[25]

4. biċċa raba' magħruf "**tal-Gudja**" limiti ta' Għajnsielem, tal-kejl ta' ċirca ebda' mija u sittin metru kwadru (460m.k.) u tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Vella, mill-punent ma' beni ta' Ganna Grech u mil-lvant ma' beni tal-familja Bigeni jew is-suċċessuri fit-titolu; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 14' a fol. 173; stmat Lm90,000.[26]

**B. Assi tal-Komunjoni tal-Akkwisti:**

Skont l-istess Dok. 'S 4', esebit man-Nota tal-konvenuti tas-7 ta' Mejju 2008,[27] dawn kienu jikkonsistu f'nofs indiviż mis-segwenti:

[23] Afol.251
[24] ibid.
[25] A fol.251
[26] A fol.252
[27] A fol.158 - 159

1. Porzjon art magħrufa "**tal-Bur**," limiti ta' Għajnsielem, bil-kejl ta' 7072 metri kwadi, tmiss punent ma' beni ta' John Cauchi, xlokk ma' beni ta' George Galea u grigal ma' passaġġ pubbliku, murija fuq il-pjanta Dok. 'L 15' a fol.174, stmata Lm18,000;[28]

2. mezzanin numru **14, Triq il-Ġonna**, Għajnsielem, indikat fuq id-Dok. 'L 16' a fol. 174, stmat Lm6000;

3. mezzanin numru **15, Triq il-Ġonna**, Għajnsielem, indikat fuq id-Dok. 'L 17' a fol. 175, stmat Lm6000;

4. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Reqna**", fil-kuntrada "ta' San Eliju", limiti ta' Għajnsielem, tal-kejl ta' 1686.15 m.k., tmiss tramuntana ma' beni tal-eredi ta' Lorenzo Zammit Haber, lvant ma' beni tal-Parroċċa tax-Xewkija u punent ma' beni ta' Salvu Xiberras; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 18' a fol.176, stmata Lm3500;

5. porzjon art magħrufa bħala "**ta' Taħt Sant Eliju**" jew "ta' Mġarr ix-Xini", limiti ta'Għajnsielem, tal-kejl ta' 1124 m.k., u tmiss grigal ma' beni tal-Gvern u tramuntana u nofsinhar ma' beni tal-Parroċċa tax-Xewkija; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 19' a fol.177; stmata Lm3000;

6. Nofs porzjon **art fi Triq l-Imġarr**, Għajnsielem, tal-kejl ta' ċirca 1311.45 m.k. u tmiss grigal ma' Triq Mġarr, xlokk ma' beni ta' Mary Cauchi u majjistral ma' beni ta' Rose Xuereb, murija fuq il-pjanta Dok. 'L 20' a fol. 178; stmata Lm200,000;

7. l-**art tal-kejl ta' ċirca 656 m.k. fi Triq l-Imġarr,** Għajnsielem, li fuqha l-konvenuta Teresa Grima bniet id-dar tagħha (a spejjeż tagħha), llum magħrufa "Grima's House", fl-indirizz 128, Triq l-Imġarr, Għajnsielem, stmata nofsha Lm60,000;[29] (dan in-nofs indiviż, spettanti lil Rosina Xuereb, kien ġie mogħti minnha b'titolu ta' donazzjoni lill-istess Teresa Grima b'kuntratt tas-17 ta' April 1995). [30]

**Beni mobbli**: ma rriżulta xejn.

---

[28] a fol.252
[29] Ibid.
[30] Ara Dok.A a fol 42 -43

**Diviżjoni tal-assi ta' Carmelo Xuereb.**

L-aħħar testment ta' Carmelo Xuereb kien dak *unica charta* magħmul flimkien ma' martu fit-30 ta' Marzu 1971.[31] Permezz ta' dan it-testment, kif ġia ngħad, id-*decujus* wara li ħalla diversi legati barra minn sehemhom, lil uħud minn uliedu, bl-artikolu XIII ta' dan it-testment innomina lill-għaxar uliedu eredi universali tiegħu. L-attriċi qed titlob sehemha mill-wirt ta' missierha. Għalhekk, wara li ġew stabiliti l-assi li dan kellu fl-epoka tal-mewt tiegħu, iridu jitnaqqsu l-legati minnu mħollija, biex mbagħad li jifdal jinqasam ugwalment bejn l-għaxar eredi tiegħu.

Mill-assi parafernali tiegħu, Carmelo Xuereb ħalla b'titolu ta' legat barra minn sehemhom: (i) il-beni indikat bin-numru 4 fil-lista ta' hawn fuq lil ibnu Giusepp[32]; u (ii) l-beni indikat bin-numru 10 lil bintu Rita Gatt.[33] B'hekk il-kumplament tal-beni parafernali tad-decujus li huma għall-qasma għandhom valur totali ta' ħamsa u tletin elf, mitejn sitta u ħamsin lira maltiija (Lm35,256).

Mill-assi tal-komunjoni, Carmelo Xuereb ħalla b'titolu ta' legat barra minn sehemhom, in-nofs indiviż spettanti lilu: (i) mill-fond indikat fin-numru 2 lil uliedu subien;[34] (ii) mill-fond indikat fin-numru 3 lil uliedu bniet[35]; u (iii) mill-fond indikat fin-numru 7 lil bintu Tereza Grima.[36] B'hekk jiġi li sehmu (1/2) mill-kumplament tal-beni tal-akkwisti, għandu valur totali ta' mija u tnax il-elf, mitejn u hamsin lira maltija (Lm112,250).

B'kollox l-assi in diviżjoni tal-mejjet Carmelo Xuereb għandhom valur ta' : Lm35,256 + Lm112,250 = **mija seba' u erbgħin elf, ħames mija u sitt liri maltin (Lm147,506)**, biex kull wieħed/waħda mill-għaxar uliedu jiġi jmisshom **Lm14,750.60** jew aħjar fi flus korrenti: **erba' u tletin elf, tliet mija disa' u ħamsin euro u sebgħin ċenteżmu (€34,359.7).** Madankollu ma jidhirx li dawn l-assi huma komodament diviżibbli bejn daqstant

[31] Ara kopja tiegħu a fol. 500 - 506
[32] Art.11 tat-testment tat-30. 03.1971
[33] Art.10 ibid.
[34] Art.2 ibid.
[35] Art.3 ibid.
[36] Art.8 ibid.

kondividendi mingħajr diskapitu, tenut kont ukoll li l-beni li jifformaw il-komunjoni tal-akkwisti, huma ishma indiviżi. Għalhekk il-beni kollha formanti parti l-assi tal-mejjet Camelo Xuereb, li ma ġewx imħollija bħala legati barra minn sehmhom lil uħud minn uliedu, u ċioe' l-beni kollha ndikati fil-lista tal-beni parafernali tiegħu, ħlief dawk fin-numri erbgħa (4) u tnax (12), kif ukoll sehmu mill-assi ndikati fil-lista tal-beni tal-komunjoni tal-akkwisti, ħlief dawk bin-numru tnejn (2), tlieta (3) u sebgħa (7) għandhom jinġiebu għall-bejgħ in liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estranei, sabiex imbgħad ir-rikavat jinqasam ugwalment bejn l-għaxar ulied tiegħu, jew l-eredi tagħhom f'każ ta' mewt ta' xi ħadd minnhom fil-mori tal-kawża.

**Leġittima spettanti lill-attriċi Loreta Axiaq mill-assi ereditarji ta' ommha:**

L-artikolu 616(1) tal-Kap.16, kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004, u allura applikabbli għal każ in eżami, peress li l-konjuġi Xuereb mietu qabel ma ġew fis-seħħ dawn l-emendi, kien jistipula li:

"**Il-leġittima tat-tfal leġittimi, jew ta' tfal leġittimati bi żwieġ li jsir wara, jew ta' tfal adottivi, hija ta' terz tal-beni tal-mejjet, jekk dawk it-tfal ma jkunux iżjed minn erbgħa, jew in-nofs ta' dawk il-beni jekk ikunu ħamsa jew iżjed**."

Il-konjuġi Xuereb kellhom tlettax il-wild, imma tlieta minnhom mietu fl-infanzja. Allura l-leġittima dovuta lill-attriċi hija ta' wieħed minn għoxrin (1/20) parti tal-beni li kellha d-*decujus* fl-epoka tal-mewt tagħha, magħduda magħhom beni oħra li setgħet iddisponiet minnhom b'mod gratuitu matul ħajjitha.

L-<u>assi parafernali</u> ta' Rosina Xuereb, ġew valutati mill-perit tekniku għal somma totali ta' **miljun u disgħin elf lira maltija (Lm1,090,000).** Il-konvenuti jikkontendu fin-Nota tal-Osservazzjonijiet responsiva tagħhom

illi l-valur tad-dar numru 130 Triq l-Imgarr, Għajnsielem, mħollija bit-testment tat-30 ta' Marzu 1971 lil Giusepp u Salvin ahwa Xuereb, m'għandux jittieħed in konsiderazzjoni għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi. Dan għaliex dan il-fond kien ġie mħolli mill-ġenituri tagħhom lill-imsemmija konvenuti bħala legat remuneratorju, kif jirriżulta mill-artikolu IV ta' dan it-testment.[37] Huwa minnu illi għall-fini tal-komputazzjoni tal-leġittima, iridu qabel xejn jinqatgħu id-djun tal-eredita', imma ġialadarba f'din il-kawża ma kien hemm ebda kontro-talba da parti ta' dawn il-konvenuti sabiex jiġi likwidat lilhom il-kumpens għas-serviġi resi minnhom, u lanqas biss kien hemm l-iċken aċċenn għalihom fin-Nota tal-Eċċezzjonijiet tagħhom, il-Qorti ma jidhirliex li għandha toqgħod fuq is-sempliċi dikjarazzjoni tat-testaturi li l-istess konvenuti kienu daru bihom, u l-ftit xhieda f'dan is-sens tal-konvenut Giusepp Xuereb, biex tista' tikkonkludi li hu u oħtu kien ħaqqhom daqstant kumpens biex ikun jistħoqilhom jieħdu bi ħlas din id-dar kollha bir-raba anness, li wara kollox ġiet stmata nofs miljun lira maltija.

Fil-komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi, sehem Rosina Xuereb mill-<u>komunjoni tal-akkwisti</u>, għandu jinkludi l-beni kollha eżistenti fl-epoka tal-mewt tagħha, u b'hekk jiġu njorati l-legati mħollija minnha waħeda jew flimkien ma' żewġha.[38] Dawn huma l-beni ndikati bin-numri: 1, 2, 3, 4, 5, u 6 fil-lista ta' sehmha minn dawn il-beni hawn fuq deskritta li ġew stmat tal-valur totali ta': mitejn sitta u tletin elf u ħames mitt lira maltija (Lm236,500), biex nofs indiviż minn dawn il-beni jġib valur ta' mija u tmintax il-elf, mitejn u ħamsin lira maltija (Lm118,250).

Minn naħa l-oħra taqbel mal-konvenuti li, għall-istess fini ta' komputazzjoni tal-leġittima dovuta lill-attriċi, l-valur ta' sehem Rosina Xuereb mill-art li fuqha bniet id-dar tagħha l-konvenuta Teresa Grima , u li kien ġie mogħti lilha b'donazzjoni, m'għandux ikun dak stabilit mill-perit tekniku. L-artikolu 648(b) tal-Kap.16, kif kien jaqra qabel l-emendi tal-2004, jistipula illi:

[37] A fol.510 - 502
[38] Art.648(1) Kap.16

**"imbagħad għandhom jiġu mgħaqqdin magħhom b'kalkolu biss, il-beni li t-testatur ikun ta b'donazzjoni...kwantu għall-ħwejjeġ immobbli skont l-istat tagħhom fiż-żmien tad-donazzjoni u l-valur tagħhom fiż-żmien tal-mewt tad-donatur."**

Fin-Nota tal-osservazzjonijiet tagħhom, il-konvenuti jiċċitaw l-artikolu 648(b) kif ġie jaqra wara l-emendi imsemmija, imma kif kellha okkażżjoni tispjega din l-istess Qorti, kif ippreseduta, f'sentenza reċenti tagħha, l-Att XVIII tas-sena 2004 li ntroduċa diversi emendi għall-Kodiċi Ċivili, fl-artikolu 116(2) li jirrigwarda d-disposizzjonijiet transitorji, jgħid li dawn l-emendi "**japplikaw dwar suċċessjonijiet li jseħħu wara li l-istess artikolu jinġiebu fis-seħħ**." [39]

Għalhekk fil-każ presenti, billi d-decujus mietet fis-sena 2000, m'għandux japplika l-valur li kellu sehem Rosina Xuereb minn din l-art fl-epoka tal-istess donazzjoni, u ċioe' ta' tmint elef lira maltija (Lm8000), kemm ġie dikjarat li jiswa dan is-sehem fuq il-kuntratt relattiv,[40] imma l-valur tiegħu fl-epoka tal-mewt tagħha. Dan ma jirrizultax mill-atti, għaliex il-perit tekniku għamel biss il-valutazzjoni tiegħu fl-2008.[41] Biex ma jerġax jiġi rimess il-proċess lill-perit tekniku, u b'hekk jiġi evitat iżjed dewmien, il-Qorti sejra tiffissa hi stess dan il-valur *arbitrio boni viri.* Fil-fehma tagħha valutazzjoni ta' Lm30,000 għandha tkun waħda ġusta għal dan il-fini.

Għalhekk il-valur totali ta' sehem Rosina Xuereb mill-komunjoni tal-akkwisti jġib total ta': Lm118,250 + Lm30,000 = Lm148,250. Magħdud mal-beni parafernali tagħha, dan iġib total ta' Lm1,090,000 + Lm148,250 = Lm1,238,250.

B'hekk il-leġittima dovuta lill-attriċi mill-beni ta' ommha, hija ta' wieħed minn għoxrin (1/20) parti minn dan l-ammont u ċioe' : Lm61,912.50.

---

[39] Ara sentenza in parte mogħtija fil-kawża :Eugenia Buttigieg et vs Joseph Xuereb et. (cit.134/1999) : 18.02.2014
[40] Ara kopja tiegħu a fol. 56 -57
[41] Ir-rapport peritali gie ppresenat fl-14.03.2008 (a fol.249)

L-artikolu 620(1) tal-Kap.16 (qabel l-emendi tal-2004) u kif ġia ġie mfisser, applikabbli għall-każ in eżami, kien jiddikjara li:

**"...l-leġittima għandha tingħata fi proprjeta' sħiħa, u testatur ma jista' jgħabbiha b'ebda piżż jew kondizzjoni."**

Għalhekk, sa fejn hu possibbli, l-attriċi għandha tipperċepixxi din il-leġittima mill-beni li kellha ommha. L-attriċi, kif qalet fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħha, tippretendi biċċa minn kull porzjon art legata lil ħutha mill-ġenituri tagħha. Dan pero' ma jidhirx li hu possibbli li jsir mingħajr ħafna diskapitu. Minn naħa l-oħra lanqas huwa faċli li l-attriċi tingħata xi proprjeta' formanti parti mill-komunjoni tal-akkwisti, billi din tista' tikkonsisti f'sehem indiviż biss. Konsegwentement jibqa' biss biex tinstab xi proprjeta'mill-beni parafernali ta' Rosina Xuereb, li minnha l-attriċi tista' tieħu dak dovut lilha bħala leġittima. Billi l-beni kollha ta' Rosina Xuereb ġew b'xi mod jew ieħor legati lil ħut l-attriċi, ma jibqa' ebda għażla ħlief li l-attriċi tieħu l-leġittima minn xi wieħed minn dawn il-legati. L-unika proprjeta' li toqrob lejn il-valur ta' din il-leġittima hija dik indikata bħala 'item 4' fil-lista tal-beni parafernali ta' Rosina Xuereb, li pero' ġiet stmata Lm90,000. Biex tieħu din il-proprjeta' l-attriċi allura tkun trid tirrifondi lill-eredi ta' ommha s-somma ta' Lm90,000 – Lm61,912.50 = Lm28,087.50, li fi flus korrenti jġibu : ħamsa u sittin elf, erba' mija sitta u għoxrin euro (€65,426).

Fin-Nota tal-Osservazzjonijiet tagħha l-attriċi tgħid li tippretendi wkoll l-interessi fuq il-leġittima dovuta lilha. L-artikolu 615 tal-Kodiċi Ċivili, kif emendat fl-2004, tassew jipprovdi għall-interessi fuq il-porzjon riservat, għax illum il-leġittimarju jingħata biss somma ta' flus u mhux proprjeta'. Imma, kif ġia ngħad, dawn l-emendi ma japplikawx għal suċċessjonijet li seħħew qabel ma ġew fis-seħħ l-istess emendi bħal ma għandna fil-każ in eżami, u għalhekk il-pretensjoni tal-attriċi f'dan ir-rigward mhix ġustifikata.

Għaldaqstant tiddeċidi l-kawża billi:

1. Tilqa' l-ewwel żewġ talbiet, u tiddikjara li l-assi rispettivi ta' Carmelo Xuereb u martu Rosina, huma dawk indikati hawn fuq fil-listi relattivi għall-beni parafernali u sehemhom mill-komunjoni tal-akkwisti;

2. tilqa' wkoll it-tielet talba u tiddikjara li sehem kull wieħed/waħda minn ulied l-imsemmi Carmelo Xuereb huwa ta' wieħed minn għaxra (1/10) mill-beni partikolari tiegħu; billi pero' dawn il-beni mhumiex komodament diviżibbli f'dawn l-ishma, tordna l-bejgħ tagħhom in liċitazzjoni, bl-ammissjoni ta' oblaturi estraneji, sabiex ir-rikavat imbgħad jinqasam bejn il-kontendenti, kulħadd skont is-sehem rispettiv tiegħu;

3. tilqa' r-raba' talba u filwaqt illi tillikwida l-leġittima spettanti skont il-liġi lill-attriċi mill-assi ereditaji ta' ommha Rosina Xuereb fis-somma ta' wieħed u sittin elf, disa' mija u tnax il-lira maltija u ħamsin ċenteżmu (Lm61,912.50), tordna li lill-attriċi tiġi assenjta mill-konvenuti, għas-saldu ta' din il-leġittima, il-proprjeta' ndikata hawn fuq bin-numru erbgħa (4) fil-lista tal-beni parafernali tagħha, u ċioe' l-biċċa raba' magħrufa "**tal-Gudja**" limiti ta' Għajnsielem, tal-kejl ta' ċirca erba' mija u sittin metru kwadu (460m.k.) u tmiss mit-tramuntana ma' beni ta' Joseph Vella, mill-punent ma' beni ta' Ganna Grech u mil-lvant ma' beni tal-familja Bigeni jew is-suċċessuri fit-titolu; murija fuq il-pjanta Dok. 'L 14' a fol. 173; billi pero' din l-art ġiet stmata Lm90,000, allura għandha mal-assenjazzjoni tirrifondi lill-eredi ta' ommha s-somma ta' Lm28,087.50, li fi flus korrenti jgibu : ħamsa u sittin elf, erba' mija sitta u għoxrin euro (€ 65,426).

4. għall-fini ta' din l-assenjazzjoni tinnomina lin-Nutar Dr. Paul George Pisani li għandu jippublika l-att opportun fl-uffiċċju tiegħu nhar is-Sibt 26 ta' April 2014 fil-ħdax ta' filgħodu (11.00a.m.), u lill-avukat dottor Joshua Grech sabiex jidher għall-eventwali kontumaċi fuq l-istess kuntratt.

L-ispejjeż tal-kawża, apparti dawk ġia deċiżi fis-sentenza *in parte* tagħha tad-19 ta' April 2011, u dawk tal-Qorti tal-Appell fis-sentenza tagħha tad-19 ta' April 2012, għandhom fir-rigward tad-diviżjoni tal-assi ta' Carmelo Xuereb, jiġu ssoportati bejn il-kontendenti kollha, kulħadd skont sehmu, u

dawk konnessi mal-leġittima dovuta lill-attriċi, mill-konvenuti biss, kulħadd skont sehmu mill-eredita' ta' Rosina Xuereb.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------